MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 499/2013/1

**L-Avukat Generali**

**v.**

**Maria Theresa Deguara Caruana Gatto, Maria Theresa Gera, Victoria Amato Gauci, Andrew Amato Gauci, Philip Amato Gauci, Louis Amato Gauci, Giovanna Soler, Nicholas Jensen, Irene Bache, Agnes Gera de Petri, Caren Preziosi, Alfed Gera de Petri fil-kapacita`**

**tieghu ta' ezekutur testamentarju tal-wirt ta' Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq, Anna Maria Spiteri Debono, Francesca Amato Gauci, Tanya O'Brien, Joseph Gerard Amato Gauci, Mariella Reimer u Christianne Huber u b'digriet tas-7 ta' Jannar, 2014 l-Avukat Professur Ian Refalo gie konfermat bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti Louis Amato Gauci, Francesca Amato Gauci, Tanya O'Brien, Joseph Gerard Amato Gauci, Mariella Reimer u Christianne Huber**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa provvediment fuq rikors tat-23 ta' Dicembru 2013 tal-Avukat Generali skont l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz tieghu talab li ghat-tenur tal-artikolu 6 msemmi din il-Qorti joghgobha tordna l-esegwibilita` tad-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tad-9 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet **Deguara Caruana Gatto and others v. Malta** u li saret finali fid-9 ta' Ottubru 2013.

**Ir-rikors tal-Avukat Generali**

**2.** Ir-ragunijiet li l-Avukat Generali gab 'il quddiem fir-rikors tat-23 ta' Dicembru 2013 in sostenn tat-talba tieghu huma sostanzjalment kif gej:

- fil-25 ta' Jannar 1994 il-Kummissarju tal-Art istitwixxa proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg fl-ismijiet "Kummissarju tal-Artijiet v Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et." (rikors numru 2/1994) ghall-akkwist

b'titolu ta' xiri assolut ta' proprjeta` fl-Imsida konsistenti f'hames fondi fi Triq ix-Xatt, Msida liema rikors gie deciz mill-Bord fl-10 ta' Ottubru 1996;

- saret talba lill-Bord sabiex issir ritrattazzjoni tas-sentenza msemmija u t-talba giet akkordata u eventwalment il-Bord ordna t-trasferiment tal-fondi msemmija versu l-kumpens ta' Lm380,000 (€885,400) liema sentenza giet appellata mill-partijiet kollha izda b'digriet tal-24 ta' Jannar 2007 il-Qorti tal-Appell ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u fuq talba tal-partijiet ghamlet riferenza kostituzzjonali lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede kostituzzjonali) li permezz ta' sentenza tas-6 ta' Settembru 2010 ma sabitx ksur tad-drittijiet fundamentali tas-sidien;

- l-intimati intavolaw kawza quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet "Deguara Caruana Gatto and Others v. Malta" (applikazzjoni numru 14796/11) li giet deciza fid-9 ta' Lulju 2013 u dik is-sentenza saret finali fid-9 ta' Ottubru 2013;

- fis-sentenza msemmija l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem osservat li peress li l-procedimenti ghall-hlas tal-kumpens kienu ghadhom pendenti aktar minn ghoxrin sena wara t-tehid tal-proprjeta`, kien ikun irragonevoli li tistenna l-ezitu ta' dawk il-procedimenti u li ghalhekk kienet ser tiddetermina l-kumpens ghall-proprjeta` tal-applikanti tal-kejl ta' 1,600 metri kwadri u in kambju l-applikanti jkunu obbligati li formalment jittrasferixxu l-proprjeta` lill-Gvern;

- il-Kummissarju tal-Artijiet qieghed isib diffikulta` biex jottjeni mis-sidien kollha prova tat-titolu u tas-sehem preciz taghhom sabiex ikun jista' jigi pubblikat il-kuntratt ta' trasferiment tal-art kif ordnata mill-Qorti Ewropea u dan versu l-prezz ordnat mill-istess Qorti.

**<u>Ir-risposta tal-intimati kollha barra Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono</u>**

**3.** Fir-risposta taghhom tal-15 ta' Jannar 2014 l-intimati kollha minbarra l-intimati Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono wiegbu fis-sens li:

- Is-sentenza relevanti tal-Qorti ta' Straburgu tad-9 ta' Lulju 2013 (Dokument 'A') ma ordnatx il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment mis-sidien lill-Gvern izda ordnat il-hlas lis-sidien ammont sostanzjali bhala dannu pekiunjarju u dannu mhux pekunjarju kif ukoll bhala rifuzjoni ta' spejjez u li ghalhekk l-esegwibilita` tas-sentenza msemmija tikkonsisti fil-hlas tal-ammont indikat fis-sentenza u mhux fil-pubblikazjoni ta' xi kuntratt;

- Il-Kummissarju tal-Artijiet ma ghandu ebda diffikulta` dwar it-titolu tal-proprjeta` tant li ilu s-snin li rregistra l-art f'ismu fir-Registru tal-Artijiet u ttrasferixxa l-art lil terzi wara li qasamha f'diversi units u ghadda lill-istess terzi titolu fuq l-istess proprjeta` (Dok. B);

- Mal-hlas ta' dak ordnat mill-Qorti Ewropea id-drittijiet ta' kumpens li twieldu mit-tehid tal-proprjeta` jigu estinti ghaliex imhallsa;

- Dak citat mir-rikorrent mis-sentenza tal-Qorti Ewropea ma hux parti mid-dispozittiv ta' dik is-sentenza;

- L-art in kwisjtoni giet effettivament trasferita lill-gvern skont il-ligi bic-cedola ta' depozitu li in sewitu taghha l-gvern irregistra t-titolu tieghu u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda trasferiment ta' proprjeta` li ghadu pendenti u dovut mill-applikanti lill-gvern u kien ghalhekk li l-Qorti Ewropea fid-dispozittiv taghha tat l-ordni li tat;

- Il-kwistjoni hi wahda ta' hlas li skont il-Qorti Ewropea hu ezenti minn kull taxxa u jekk tassew hemm xi problema rigward il-hlas – li huma jichdu – dan ma jigix sorvolat bil-hatra ta' kuraturi ghall-kontumaci peress li dawn jinhatru biex jirrapprezentaw persuni u ishma ben precizi u ma jistax jinhatar kuratur u jithallas ghan-nom ta' haddiehor jekk ma jkunx maghruf dak il-haddiehor u kemm ghandu jiehu;

- Ir-rikors tal-Avukat Generali ghalhekk ma setax jintlaqa', ben intiz li l-oppozizzjoni taghhom ma kienetx ghall-esekuzzjoni tas-sentenza nnifisha u ma kienux qed jopponu ghat-talba ghal dik l-esekuzzjoni li anzi jaghmluha taghhom imma jopponu ghall-modalitajiet rikjesti mir-rikorrent u rrilevaw li ghalkemm fid-9 ta' Jannar 2014 l-interessati kollha attendew l-ufficcju tal-Kummissarju tal-Artijiet u ddikjaraw li kienu lesti jaccettaw il-flus, il-pagament baqa' ma sarx u wara li stennew saghtejn u nofs inutilment telqu x'hin gew informati min-nutar li kien jehtieg li ssir laqgha bejn l-avukati biex jigu kkjarifikati l-affarijiet, liema laqgha baqghet ma saretx.

**<u>Ir-risposta tal-intimati Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono</u>**

**4.** Fir-risposta taghhom tas-17 ta' Marzu 2014 l-intimati Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono wiegbu ghar-rikors tal-Avukat Generali fis-sens li:

- Is-sentenza relevanti tal-Qorti ta' Strasburgu ordnat il-hlas ta' ammont bhala dannu pekunjarju, ammont bhala dannu mhux pekunjarju u rifuzjoni ta' spejjez izda ma ordnatx li jigi pubblikat kuntratt ta' trasferiment mis-sidien lill-Gvern kif talab l-Avukat Generali u ghalhekk l-istess sentenza ghandha tigi rispettata u ghandhom jithallsu l-ammonti indikati fl-istess sentenza;

- It-trasferiment tal-proprjeta` in kwistjoni saret permezz ta' cedola ta' depozitu mill-Kummissarju tal-Art fil-21 ta' Ottubru 1993 a tenur tal-

Artikolu 22(4) tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta li gie fis-sehh fil-21 ta' Ottubru 1993 u konsegwentement il-Gvern sar sid assolut tal-fondi 223, 224, 225, 226 u 227, Triq ix-Xatt, Msida kif jirrizulta mir-Registru tal-Artijiet waqt li s-sidien originali illum ghandhom id-dritt ghal *compensation rights* u llum spetta lill-Gvern biex jghaddilhom dan id-dritt jew permezz ta' skrittura jew b'att pubbliku u dan ma ghandux isir billi "jigi pubblikat il-kuntratt tat-trasferiment tal-art" kif erronjament mitlub mill-Avukat Generali li gia` huwa sid il-proprjeta` in kwisjtoni;

- Huma kienu gew mitluba jipprovdu l-provenjenza tas-sehem taghhom lill-Kummissarju tal-Artijiet u din giet provduta minnhom;

- F'laqgha bejn il-partijiet interessati u d-Dipartiment tal-Artijiet fid-9 ta' Jannar 2014 huma gew informati li l-pagamenti ordnati mill-Qorti ta' Strasburgu ma setghux isiru minhabba:

    - Problema rigward il-*causa mortis* ta' Beatrice Amato Gauci, rigward dik ta' Philip Amato Gauci u dik ta' Helen Miles;

    - Problema rigward il-fatt li Alfred Gera de Petri m'ghadux ezekutur testamentarju tal-mejjet Alfio Testaferrata Ghaxaq;

    - Problema rigward kif ghandu jinqasam il-pagament tas-sehem tal-eredita` ta' Alfio Testaferrata Ghaxaq.

- Dwar l-ewwel kategorija ta' problemi dawn ma jikkoncernawhomx izda n-nomina ta' kuratur ghall-kontumaci mhux soluzzjoni ghalihom; dwar it-tieni problema, jekk minnha, din tikkostitwixxi biss stat ta' fatt; waqt li dwar l-ahhar problema ma hemmx qbil dwar kif ghandu jigi ripartit is-sehem tal-eredita` ta Alfio Testaferrata Ghaxaq u din il-kwistjoni ma tistax tigi deciza minn din il-Qorti u jsostnu li l-Qorti ghandha tappunta kuratur ghall-eredita` ta' Alfio Testaferrata Ghaxaq bil-ghan specifiku li

jidher fuq l-iskrittura jew att pubbliku ghall-hlasijiet u l-istess jigu depozitati l-Qorti mill-istess kuratur;

- Fil-frattemp il-Kummissarju tal-Artijiet hallashom ghad-dannu mhux pekunjarju u b'hekk wettaq parti mis-sentenza relevanti;

- Ghalhekk it-talba tal-Avukat Generali ghal kuratur ghall-kontumaci ghat-trasferiment tal-art ghandha tigi michuda peress li l-Gvern ghandu jhallas lis-sidien il-*compensation rights* permezz ta' skrittura jew att pubbliku u mhux permezz ta' kuntratt ta' trasferiment;

- Huma bl-ebda mod ma jopponu l-ezekuzzjoni tas-sentenza de quo li ghandha ssir kif minnhom inghad u cioe` permezz ta' skrittura jew att pubbliku sabiex jithallas id-dritt ta' kumpens.

**<u>Replika ta' Agnes Gera de Petri u Alfred Gera de Petri, Irene Jensen u Nicholas Jensen ghar-risposta ta' Carmen Preziosi u Annamaria Spiteri Debono</u>**

**5.** Fis-7 ta' April 2014 Agnes Gera de Petri, Alfred Gera de Petri, Irene Jensen, x'aktarx Bache, u Nicholas Jensen, irreplikaw ghar-risposta ta' Carmen Preziosi u Annamaria Spiteri Debono billi rrelevaw li:

- Alfred Gera de Petri kien gie regolarment konfermat fil-kariga ta' esekutur testamentarju mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u eventwalment l-eredi ta' Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq qasmu l-wirt tal-istess bejniethom u ghalhekk u li ghalhekk ma hix mehtiega l-prezenza tal-esekutur;

- Il-wirt ta' Alfio Testaferrata Bonici nfetah fit-8 ta' Jannar 1988 u l-unici werrieta huma Agnes Gera de Petri in kwantu ghal nofs u Irene Jensen

u Nicholas Jensen flimkien ghan-nofs l-iehor li ghaddew biex jiddividu l-wirt b’att pubbliku u ghalhekk jekk Caren Preziosi u Annamaria Spiteri Debono ghandhom xi pretensjoni fir-rigward tal-wirt jmisshom jipprezentawha gudizzjarjament fis-sede opportuna; kull pretensjoni bazata fuq xi legat imholli fit-testment ta’ Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq hija ormai improponibbli;

- L-eredi ta’ Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq huma l-unici persuni li jistghu jaghtu ricevuta u kwittanza lill-Kummissarju tal-Artijiet u lill-Istat ta’ Malta ghall-hlas dovut minnhom lill-eredita`u jekk haddiehor jidhirlu li ghandu xi dritt jita` jfittex lil-eredi ghad-drittijiet tieghu fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-eredita` u terzi;

- Ghalhekk ma hemmx htiega ta’ nomina ta’ kuraturi li kwalunkwe kaz ma jkunx jista’ jaghti kwittanza valida peress li l-flus jispettaw lill-werrieta ta’ Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq.

**Kontro-replika ta’ Caren Preziosi u Annamaria Spiteri Debono**

**6.** Fl-14 ta’ April 2014 Caren Preziosi u Annamaria Spiteri Debono rreplikaw ghar-risposta fuq imsemmia tal-intimati Gera de Petri u dan sostanzjalment fis-sens li:

- Jekk l-eredi pprocedew bid-divizjoni tal-eredita` ta’ Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq minghajr ma ssejhu l-partijiet kollha li ghandhom sehem mill-eredita` id-divizjoni hi nulla u meta l-istess eredi ddecidew min kellu sehem mill-wirt u min iddekada huma assumew li jiehdu gudizzju li kien jispetta lill-Qorti;

- Il-legatarju jsir is-sid tal-legat imholli lilu mal-mewt tad-decujus u f’dan il-kaz ma kienx hemm htiega ta’ immissjoni fil-pussess ghaliex il-propjeta` in kwistjoni kienet ilha fil-pussess tal-Gvern sa minn qabel il-mewt ta’

Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq u ghalhekk l-eredi ma kellhom ebda pussess tal-fondi in kwistjoni x'jghaddu lil-legatarji;

- Irribadew li ma kienx jispetta lil-din il-Qorti fis-sede odjerna li tiddeciedi kif ghandu jigi ripartit is-sehem tal-eredita` ta' u li ghalhekk dak li ghandha taghmel il-Qorti hu li tappunta kuratur ghas-sehem tal-eredita` ta' Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq biex jidher ghall-hlas kif previst fis-sentenza *de quo* biex il-flus jigu depositati minnu f'isem l-eredita` ta' Testaferrata Bonici sakemm jigi deciz kif dawn ghandhom jigu ripartiti.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

**7.** Ir-rikors ta' llum tal-Avukat Generali qieghed isir skont l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi kif gej:

> "**6. (1)** Kull decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ghaliha tkun tapplika dikjarazzjoni maghmula mill-Gvern ta' Malta skont l-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni, tista' tigi esegwita mill-Qorti Kostituzzjonali f'Malta, bl-istess mod bhal decizjonijet moghtija min dik il-qorti u jigu esegwiti minnha, b'rikors li jsir fil-Qorti Kostituzzjonali u notifikat lill-Avukat Generali, li jkun fih talba li tigi ordnata l-esegwibbilita` ta' dik id-decizjoni.
>
> "**(2) Qabel ma l-Qorti Kostituzzjonali tiddeciedi talba bhal dik, hija ghandha tezamina jekk id-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jkun qed jintalab li tigi esegwita, hijiex wahda li ghalioha tkun tapplika dikjarazzjoni bhal dik imsemmija fis-subartikolu (1).**
>
> "**(3) Il-Qorti Kostituzzjonali ghandha tordna l-esekuzzjoni ta' decizjoni kif imsemmi f'dan l-artikolu jekk issib li din id-decizjoni tkun wahda li ghaliha tkun tapplika dikjarazzjponi msemmija fis-subartikolu (2).**"

**8.** In vista tas-sottomissjonijiet voluminuzi li saru mill-partijiet u d-dokumenti mhux inqas voluminuzi li gew esibiti minnhom huwa opportun li qabel kollox jigi spejgat il-poratata tal-Artikolu 6 fuq citat.

**9.** Skont l-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li fiha Malta hi parti ma hemmx dubbju li l-Istat Malti huwa marbut li jaghti esekuzzjoni lis-sentenzi finali tal-Qorti Ewropea relevanti. L-Artikolu 6 ma jzid u ma jnaqqas xejn minn din ir-rabta li biha fil-forum internazzjonali l-Istat Malti ntrabat bil-fatt biss li ffirma u rratifika l-Konvenzjoni msemmija. Ma hix id-decizjoni ta’ din il-Qorti fuq rikors maghmul skont l-Artikolu 6 imsemmi li johloq ir-rabta tal-Istat Malti li jaghti esekuzzjoni tas-sentenzi finali tal-Qorti Ewropea izda din tohrog mill-obbligi minnu assunti taht it-trattat in kwistjoni. L-Artikolu 6, ghalhekk, ma hux xi ostakolu li xi hadd mill-partijiet irid jeghleb sabiex l-Istat Malti jkun marbut biex jesgwixxi sentenza finali tal-Qorti Ewropea izda huwa mezz sabiex bih jigi facilitat, u anzi jigi assigurat, li l-Istat Malti jonora l-impenn tieghu li jesegwixxi dik is-sentenza finali fil-forum domestiku. Dan, wara kollox, ma hux differenti minn dak li normalment jigri fejn si tratta minn sentenzi tal-qrati taghna fejn hadd ma jiddubita li l-partijiet huma marbuta li jaghtu esekuzzjoni ghal dawk is-sentenzi u jirrikorru biss ghall-mezzi ta’ esekuzzjoni taghhom meta xi parti tiltaqa’ ma xi xkiel ghal dik l-esekuzzjoni. Dak previst fl-Artikolu 6, ghalhekk, ma hu xejn hlief mezz specjali ta’ esekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea mfassal f’termini generici biex jilqa’ ghad-diffikultajiet kollha li parti tista’ tiltaqa’ maghhom fl-esekuzzjoni ta’ xi sentenza.

**10.** Fejn fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 6 imsemmi jinghad li decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem "tista' tigi esegwita mill-Qorti Kostituzzjonali" dan ma jimplikax li din il-Qorti qed tigi vestita b'xi diskrezzjoni jekk tordnax l-esekuzzjoni jew le ta' tali decizjoni izda jimplika biss li din il-Qorti qed tgi investita bis-setgha li tordna l-esekuzzjoni ta' dik id-decizjoni li altrimenti ma kienx ikollha. Dan jirrizulta car minn dak dispost fis-subartikolu (3) tal-artikolu msemmi li jipprovdi li l-Qorti Kostituzzjonali "ghandha tordna l-esekuzzjoni ta' decizjoni kif imsemmi" (sottolinear tal-qorti). L-Artikolu 6, ghalhekk, huwa intiz sabiex din il-Qorti, fil-kazijiet idoneji, tkun tista' tistabilixxi l-modalitajiet tal-esekuzzjoni li ghandha tigi ordnata minna biex jigi sorvolat kwalunkwe ostakolu li l-ordinament guridiku taghna jista' joffri ghal dik l-eskuzzjoni.

**11.** L-unici ostakoli li ghalihom irrefera fir-rikors tieghu l-Avukat Generali ghall-esekuzzjoni tad-decizjoni in kwistjoni jikkonsistu "f'diffikulta` sabiex jottjeni da parti tas-sidien kollha prova tat-titolu u tas-sehem preciz taghhom sabiex ikun jista' jigi ppubblikat il-kuntratt ta' trasferiment tal-art kif ordnat mill-Qorti Ewropea u dan versu l-prezz stabbilit mill-istess Qorti". Fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors, izda, issemmew diversi kwistjonijiet ohra fosthom il-pagament ta' taxxa ta' successjoni, il-kwistjoni ta' *compensation rights* u l-htiega o meno ta' kuntratt ta' trasferiment.

**12.** Sabiex jigi stabbilit hemmx htiega ta' xi intervent tal-Qorti kif mitlub, din il-Qorti trid necessarjament tezamina dak li effettivament gie deciz bid-decizjoni *de quo* tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet **Deguara Caruana Gatto and Others v. Malta** li giet deciza minn dik il-Qorti fid-9 ta' Lulju 2013 u li saret finali fid-9 ta' Ottubru 2013.

**13.** Fil-parti relevanti tal-parti operattiva tad-decizjoni msemmija l-Qorti fi Strasburgu iddecidiet hekk:

> "4. *Holds*
>
> (a) That the respondent State is to pay the applicants, within three months from the date on which the judgment becomes final in accordance with Article 44 § 2 of the Convention, the following amounts:
>
> (i) Euro 1,630,000 (one million six hundred and thirty thousand euros), jointly, plus any tax that may be chargeable on that amount, in respect of pecuniary damage for the transfer of the property at issue;
>
> (ii) Euro 40,000 (forty thousand euros) jointly, plus any tax that may be chargeable, in respect of non-pecuniary damage;
>
> (iii) Euro 50,000 (fifty thousand euros), jointly, plus and tax that may be chargeable to the applicants, in respect of costs and expenses incurred in respect of the domestic proceedings and the proceedings before the Court;
>
> (b) That from the expiry of the above-mentioned three months until settlement simple interest shall be payable on the above amounts at a rate equal to the marginal lending rate of the European Central Bank during the default period plus three percentage points;"

**14.** Tajjeb li jigi puntwalizzat f'dan l-istadju li fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors ma gew sollevati ebda kwistjonijiet dwar il-pagament tal-ammont ghal danni non-pekunjarji jew tal-ammont pagabbli bhala drittijiet u spejjez.

**15.** Kwantu ghall-kumpens pekunjarju, dak previst fil-parti relevanti tad-dispozittiv tas-sentenza msemmija, tal-anqas *prima facie*, ma jidher li jipprezenta ebda diffikulta` sabiex jigi esegwit skont l-Ordinament Guridiku taghna. Di fatti hu semplicement ordni ghall-hlas ta' ammont specifiku determinat pagabbli <u>konguntament</u> lill-applikanti fil-kawza msemmija.

**16.** Ir-rikorrent, izda, jsostni li l-parti dispozittiva tas-sentenza ghandha tinqara fil-kuntest tal-motivazzjonijiet li wasslu lill-Qorti Ewropea ghas-sentenza taghha u jaghmel riferenza ghall-bran segwenti mill-istess sentenza:

> "96. In view of the fact that the domestic proceedings relating to the payment of compensation have not yet ended and, more precisely, a recommencement was recently requested, more than twenty years after the property was taken, the Court considers that it would be un reasonable to wait for the outcome of such proceedings (see Curmi v. Malta (merits) no. 2243/10, 63, 22 November 2011). Thus the Court will determine the compensation due for the applicants' property measuring 1,600 sq. m., in exchange for which the applicants are obliged to formally transfer the property to the Government."

**17.** In partikolari r-rikorrent Avukat Generali jishaq fuq il-parti tal-paragrafu citat fejn jinghad li in kontrokambju ghall-pagament tal-kumpens li kien ser jigi determinat l-applikanti kienu obbligati li formalment jittrasferixxu l-proprjeta` lill-Gvern. Qabel xejn il-paragrafu in kwistjoni ma hux parti mid-dispozittiv tad-decizjoni izda huwa biss dikjarjazzjoni tal-konsegwenza logika tal-pagament tal-kumpens li gie eventwalment stabbilit. Minn imkien ma jirrizulta li xi hadd mill-partijiet deherlu li kellu jgib a konjizzjoni tal-Qorti Ewropea li fil-frattemp it-titolu ta' proprjeta` assoluta tal-fondi in kwistjoni kien gia` gie trasferit lill-Gvern Malti (ara Certifikat tal-Art Dok. A fol. 71 sa 96) tant li min-naha tieghu ipproceda sabiex jittraferixxi l-istess lil terzi. Il-Qorti ma tistax tifhem kif il-

Gvern jista' llum jippretendi li l-intimati jittrasferulu bil-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' trasferiment art li gia` skont il-ligi giet trasferita lilu u li l-intimati ma ghandhomx titolu fuqha x'jittrasferulu.

**18.** Di fatti, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tal-4 ta' Gunju 2014 l-Avukat Generali *in extremis* jikkonverti l-kwistjoni minn wahda ta' pubblikazzjoni ta' kuntratt ghat-trasferiment tal-art (li, kif gia` inghad, gia` giet trasferita lilu skont il-ligi) ghal wahda ta' trasferiment ta' drittijiet ta' kumpens jew *compensation rights* (fol. 222) li jissottometti huma drittijiet immobiljarji li skont il-ligi jistghu jigu biss trasferiti b'att pubbliku.

**19.** Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tidhol f'distinzjonijiet bejn it-trasferiment ta' jedd ghall-izbank tal-kumpens jew it-trasferiment ta' jedd ghal kull kumpens aktar u l-pagament tal-kumpens biex tara jekk hawnhekk si trattax f'kull kaz ta' trasferiment ta' dritt immoblijari li jirrikjedi l-pubblikazzjoni ta' att pubbliku. Dan ghaliex dak li ghandu jitqies dritt immobiljari skont l-Artikolu 22(8) tal-Kap. 88 introdott bl-Att XI tal1989 huwa l-kumpens depozitat skont l-Artikolu 22(4) tal-istess Kap jew kull kumpens aktar skont dik l-Ordinanza. Hu evidenti li l-kumpens ordnat mill-Qorti Ewropea ma hux kumpens skont l-Ordinanza msemmija u ghalhekk ma jistax jitqies dritt immobiljari skont l-Artikolu 22(8) fl-Att XI tal-1989.

**20.** L-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, kif inghad, ma hux intiz biex johloq ostakoli ghall-esekuzzjoni ta' decizjoni tal-Qorti Ewropea izda biex iwarrab l-ostakoli li jistghu ikunu jezistu ghal tali esekuzzjoni skont l-

Ordinament Guridiku Malti u ma jirrizulta ebda ostakolu skont l-istess Ordinament ghall-pagament tal-kumpens ordnat mill-Qorti Ewropea minghajr il-htiega ta' xi att pubbliku.

**21.** *In extremis* ukoll – ghax din ir-raguni mkien ma tissemma' fir-rikors tal-Avukat Generali – ir-rikorrent jidher li bhala raguni biex isostni l-htiega ta' pubblikazzjoni ta' att pubbliku jsemmi li l-partijiet koncernati li wirtu d-dritt ghal *compensation rights* kienu qed jirtu dritt immobiljari li ghalhekk kellu jigi denunzjat fil-*causa mortis* b'att pubbliku u tithallas it-taxxa tas-successjoni fuqu. Kif gia` intwera, izda, l-kwistjoni ta' *compensation rights* u jekk hawn si trattax ta' dritt immobiljari jew le hi wahda estranea ghall-esekuzzjoni tas-sentenza *de quo*.

**22.** Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu (fol. 224) l-Avukat Generali jirrespingi l-pretensjoni ta' whud mill-intimati li fi kwalunkwe kaz ebda taxxa tas-successjoni, jekk dovuta, ma ghandha tithallas fuq l-ammont ta' kumpens ordnat mill-Qorti Ewropea u dan ghaliex fid-decizjoni taghha dik il-Qorti ordnat li l-ammont tal-kumpens ghandu jinkludi "any tax that may be chargeable on that amount". Min-naha tieghu l-Avukat Generali jsostni li dan il-kliem jirrigwarda l-pagament ta' "taxxa gdida li tkun imposta appozitament fuq il-kumpens u mhux taxxa li ilha dovuta minn meta gew neqsin l-*aventi causa* ta' whud mill-intimati". Dak pretiz mill-Avukat Generali f'dan ir-rigward hu li din il-Qorti tinterpreta l-kliem *prima facie* inekwivoku li minnu ghamlet uzu l-Qorti Ewropea fid-decizjoni taghha. Din il-Qorti, izda, ma ghandha ebda

kompetenza li taghmel dan taht l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Eworpeja peress li dan l-ezercizzju fir-relazzjoni tal-paritjiet fid-decizjoni msemmija tispetta lill-awtoritajiet kompetenti skont il-modalitajiet preskritti fl-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni.

**23.** Kwistjoni ohra li giet sollevata fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors tirrigwarda l-legat imholli favur uhud mill-intimati u l-konsegwenzjali nuqqas ta' qbil bejn uhud mill-intimati dwar l-ishma li qed jivvantaw fuq il-proprjeta` u fuq l-ammont tal-kumpens. Il-Qorti tirrileva, izda, li d-decizjoni tal-Qorti Ewropea ma dahlet xejn fl-ishma spettanti lil kull wiehed u wahda mill-partijiet u ordnat biss li l-pagament tal-kumpens pekunjarju ghandu jsir konguntement jew *"jointly"* lill-applikanti u ghalhekk l-ispartizzjoni tal-ishma tal-partijiet ghall-finijiet tal-pagament tal-kumpens ma hix necessarja ghall-esekuzzjoni tad-decizjoni tal-Qorti Ewropea.

**24.** Ghall-motivi premessi ma hemm ebda htiega li din il-Qorti tordna l-esegwibilita` tad-decizjoni fuq imsemmija tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem tad-9 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet **Deguara Caruana Gatto and others v. Malta** u li saret finali fid-9 ta' Ottubru 2013 jew li jigi mahtur xi nutar ghall-pubblikazzjoni ta' xi kuntratt ta' trasferiment jew li jinhatru xi kuraturi sabiex jirrapprezentaw il-kontumaci fuq l-istess kuntratt.

Ghaldaqstant ir-rikors tal-Avukat Generali tat-23 ta' Dicembru 2013 qieghed jigi michud bl-ispejjez kollha a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------